MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 194/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Borg)**
**Vs**
**Michael Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant (**ID 53069 (M)** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli
A. nhar is-26 ta' Lulju, 2007, għall-ħabta tad-9:00 ta' filgħaxija, filwaqt li kien xogħol ġewwa St.Joseph Ward (Sala 22) tal-isptar San Vincenz De Paule, bħala impjegat pubbliku jew bħala persuna oħra li kienet qiegħda taġixxi f'kapacita' uffiċjali, xjentement infliġġa fuq il-persuna anzjana ta' Giovanna sive Jane Dimech ugigħ jew tbatija gravi sew fiżika u sew mentali u dana bi ksur ta' l-artikolu 139A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
B. Akkużat ukoll talli, fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala impjegat pubbliku jew bħala persuna

oħra li qiegħda taġixxi f'kapaċita' uffiċjali, għamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew minħabba l-kariga tiegħu kien fid-dmir tiegħu li jimpedixxi milli jsiru tali reati u dana bi ksur ta l-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C. Akkużat ukoll talli, fid-26 ta' Lulju, 2007, għall-habta tad-9:00am ta' filghaxija, filwaqt li kien xogħol ġewwa St.Joseph Ward (Sala 22) tal-isptar San Vincenz De Paule, volontarjament ikkawża ġrieħi ta' natura ħafifa, skond kif iċċertifikat minn Dr.Edward Bellia M.D., fuq il-persuna tal-pazjent anzjana Giovanna sive Jane Dimech, liema persuna għandha iktar minn sittin sena u liema persuna tbati minn mard tal-ġisem jew tal-moħħ fi grad li minħabba tali marda ma tistax tiddefendi ruħha sew u dana bi ksur tal-artikolu 221 u 222A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

D. Akkużat ukoll talli, fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, dejjaq, ta fastidju, jew iddieħek b'nies xjuħ, magħtubin, mifluġin jew immankati u dana bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' April, 2010, li biha, filwaqt li ma sabitx lill-appellant ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik indikata fil-paragrafu (a) tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Generali w illiberatu minnha, wara li rat l-artikoli 141, 221(1), 222A(1) u 339(1)(n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu u tagħhom ikkundannatu disa' xhur priġunerija.

In oltre b'applikazzjoni tal-artikolu 383A u 412C u biex tipproteġi lil Jane Dimech poggiet lill-appellant taħt ordni ta' trażżin għal perjodu ta' tliet snin b'mod li l-appellant huwa projbit milli javviċina lil, jikkuntattja jew b'xi mod ieħor jikkomunika ma', u/jew b'kwalunkwe mod jimmolesta jew idejjaq lil Jane Dimech.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza appellata w dana billi tikkonferma l-istess sentenza fejn l-appellant gie liberat mill-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 139 [1][A] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni w kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija w f'każ li din il-qorti jogħġobha tikkonferma tali ħtija tipprovdi għal piena aktar mita w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi anke jekk il-prosekuzzjoni qatt ma ppreżentat il-kwerela tal-parti leża w anke jekk l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ippronunzjat ruħha dwar dan fis-sens illi la darba id-difiża ma talbitx għall-kwerela tal-parti leża sabiex il-Pulizija tipproċedi kontra l-appellant allura hemm il-preżunzjoni tal-kwerela, l-Qorti injorat ir-rinunzja tal-kwerela tal-parti leża f'dan il-każ Jane Dimech.

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Dimech a fol. 38 ta' l-atti s-segwenti :

*"Nixtieq ngħid illi jiena lill-imputat naħfirlu u naħseb li dan l-inċident kollu huwa a storm in a tea cup".*

Illi mid-deposizzjoni tal-parti leża jirriżulta illi għad li bħala regola essendo li dawn huma proċeduri ta' kumpilazzjoni li l-kwerela hi prezunta, din il-preżunzjoni hi mxejjna mal-fatt li l-istess vittma qed tinferixxi li qatt ma riedet li jigu inizjati dawn il-proceduri.

Illi di piu hemm ir-rinunzja skjaċċanti tagħha meta din tgħid li taħfirlu. Illi meta bniedem jaħfer din tekwivalexxi għall-rinunzja tal-kwerela w la darba il-parti leża irrinunzjat, l-Ewwel Qorti kienet erroneja meta sabet ħtija fl-imputat għat-tielet imputazzjoni la ai termini ta' l-artikolu 221 u anke ai termini tal-artikolu 222 [A][1] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi a contrario senso la darba għar-reat ravvizat fl-artikolu 221 jeħtieg il-kwerela tal-parti leża l-maħfra tal-parti leza tammonta ghal rinunzja tal-kwerela.

Illi ferma dan l-argument, l-appellant ser jgħaddi biex jissottometti dwar is-sejbien ta’ ħtija tat-tieni imputazzjoni. Illi ghandu jigi rilevat li gia ladarba hemm ir-rinunzja tal-parti leza allura l-Ewwel Qorti kienet erroneja li ssib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni stante li la darba saret ir-rinunzja, konsegwenzjalment, l-appellant qatt ma seta’ jinstab ħati ai termini tal-artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li din l-akkuza hi kompriza w involuta fit-tieni imputazzjoni u la darba saret ir-rinunzja għall-ferita ħafifa r-reat ai termini ta’ l-artikolu 141 ma jissussistix.

Illi in oltre l-Ewwel Qorti kienet erronea meta sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni stante li l-Avukat Generali ma ppreżentax l-ordni sabiex il-Pulizija tipproċedi kontra l-appellant essendo ufficjal pubbliku u dana kif rikjest fir-regolament 13 tar-regolamenti tal-Procedura ta’ Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Lanqas ma gie l-appellant mitlub jidher quddiem il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku biex iwieġeb ghal xi għemil tieghu.

Illi dwar ir-raba’ imputazzjoni dik ibbazat fuq l-elementi ravvizati fl-artikolu 339 (1)(n) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din ma tinwadrax. Illi l-ispirtu ta’ dan l-artikolu jippenalizza lil min iżeblah, jirredikola, idejjaq jew jagħti fastidju lill-persuni xjuħ. Illi għandu jigi sottomess illi lanqas bl-akbar kreativita’ legali ma wieħed jista’ qatt jasal ghall-konklużjoni li nuqqas ta’ qbil ma’ persuna anzjana jew incident ma’ l-istess persuna jekwivalixxi għaż-żebliegh jew redikolu ta’ dik il-persuna. Illi ladarba l-elementi ta’ dan ir-reat kontravenzjonali ma jirriżultawx, l-appellant qatt ma seta’ jinstab ħati tar-raba imputazzjoni.

Illi in oltre l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament ħażin tal-provi. Illi jirrizulta mix-xhieda tax-xhud in difesa Josephine Caruana li ddeponiet nhar is-16 ta’ Novembru, 2009 illi l-parti leża stqarret fil-preżenza tagħha l-għada ta’ l-inċident

de quo illi l-ħmura li kellha taħt għajnejha kienet ikkawżata hija stess b'face cloth.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-Qorti meta asserixxiet li fil-kamra kien hemm tliet pazjenti oħra, li kienu preżenti fil-kamra fil-ħin ta' l-allegat inċident, ma kinux fi stat mentali li jixhdu. Illi bid-dovut rispett minn imkien ma jirriżulta illi dawn il-pazjenti ma għandhomx il-kapacita' mentali li[1]

Illi jekk kemm-il darba jirriżulta li jkun hemm kunflitt ta' provi li jhalli dubju dettat mir-raġuni għandu jiġi applikat il-principju in dubio pro reo u mhux in dubbio contro reo.

Illi meta sehh l-allegat inċident kien l-appellant innifsu li mar jirraporta l-akkadut lis-superjuri tieghu. Illi l-amministrazzjoni tal-isptar San Vincenz De Paule u l-amministrazzjoni tas-servizz pubbliku ma ħassewx li ghandhom jissospendu lill-appellant minn xogħolu pendenti l-proċeduri iżda ġie rimoss għall-sala oħra fl-istess Sptar.

Illi kif anke xehdu xhieda tal-prosekuzzjoni u xhieda in difesa l-passat ta' l-appellant fuq il-post tax-xoghol hu wiehed mill-aktar pożittiv. Illi hawnhekk qed issir ampja referenza għax-xhieda ta' Anthony Attard li xehed li l-appellant fuq il-post tax-xoghol hu andanti, jiċċajta mar-residenti u mistoqsi dwar jekk qattx kellu problemi jgħid li dawn kienu trivjali kif wara kollox ikollu kulħadd. Illi in oltre ix-xhud Rita Carachi prodotta mill-prosekuzzjoni ikkonfermat li kien l-appellant li mar jirraporta l-akkadut lis-superjuri tieghu u li in oltre l-kondotta ta' l-appellant fuq il-post tax-xoghol hi waħda tajba kif wara kollox ikkonfermat ix-xhud in difesa Antonia Pace illi l-appellant ma kellux inċidenti oħra waqt xogholu.

Illi l-appellant iħoss illi anke jekk in pessima ipoteżi din il-Qorti hi tal-fehma li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija o meno ta' l-appellant, huwa jħoss li l-piena inflitta hi eċċessiva fiċ-ċirkostanzi.

[1] Jidher li hemm xi kelmiet nieqsa fir-rikors prromotorju wara l-aħħar kelma ta' fol 108 tal-proċess.

Illi l-appellant huwa nursing aide u missier ta' tlitt itfal li jiddependu solament minnu. Illi l-appellant jaqbel ma' l-Ewwel Qorti li l-vjolenza hi dejjem kundannabbli speċjalment fuq persuni anzjani. Dana konċess madanakollu, l-piena għandha tkun waħda idonea w proporzjonata. Illi t-test li jrid isir ma għandux biss isir a bażi tal-kunsiderazzjonijiet u l-interessi suġġettivi tal-parti leża w s-soċjeta' iżda għandha tkun kalibrata w tirrifletti interessi oġġettivi ta' l-appellant.

Illi l-piena ta' disa' xhur habs effettivi hi waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi. Illi l-Ewwel Qorti lanqas ma kkunsidrat illi għandha tagħti piena alternattiva għall-inkarċerazzjoni effettiva.

Ikkonsidrat

Li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-allegat rinunzja tal-kwerela. L-argument ewlieni huwa fis-sens li skond l-artikolu 221 u 222A tal-Kap 9, hija meħtieġa l-kwerela. L-artikolu 221(4) jgħid hekk:

''Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) u (3) ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offfiża, minbarra meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(b).'

L-appellant ma nstabx ħati tal-ewwel imputazzjoni dwar l-allegat ksur tal-artikolu 139A[2] iżda nstab ħati tat-tieni imputazzjoni (li kien uffiċjal pubbliku li li kien fid-dmir li jimpedixxi li jsir tali reat); tal-imputazzjoni 3 (li kkawża offiża ta' natura ħafifa fuq persuna 'l fuq minn sittin sena); u tar-raba' imputazzjoni li hija ta' natura kontravenzjonali.

Għat-tielet imputazzjoni tinħtieġ il-kwerela minħabba li l-artikolu indikat mill-Avukat Ġenerali huwa l-artikolu 221(1).

[2] Dan l-artikolu kien introdott fil-Kap 9 biex Malta tkun konformi mal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar it-tortura.

L-ewwelnett dawn il-proċeduri nbdew bħala kumpilazzjoni kif jirriżulta mill-proċess innifsu għaliex kien hemm dikjarazzjoni tal-prima facie kif ukoll intbagħtu l-artikoli mill-Avukat Ġenerali.

Kienet korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti meta fis-sentenza qalet li japplika l-artikolu 390(5) tal-Kap 9 li jipprovdi hekk:

*'(5) Jekk, matul il-kumpilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-qorti ex officio ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-liġi.'*

Mill-atti ma jidhirx li l-appellant talab li tkun ippreżentata l-kwerela u lanqas ma ntalab dan mill-Qorti *ex ufficio*. Isegwi li l-kwerela hija preżunta li saret skond il-Liġi.

Fit-trattazzjoni tqajjem il-punt mill-abbli difensur tal-appellant dwar jekk il-kwerela setgħetx issir mid-diretturi tas-Saint Vincent de Paule.

Skond l-artikolu 542 tal-Kap 9,

*'Jistgħu jagħmlu kwerela r-raġel għal martu jew il-mara għal żewġha, l-axxendenti għad-dixxendenti, id-dixxendenti għall-axxendenti, l-aħwa subien għall-aħwa bniet jew bil-maqlub, kull persuna għal oħra li tkun taħt it-tutela jew* ***il-ħsieb tagħha*** *, kull amministratur jew rappreżentat ta' istituzzjoni pija jew korp morali ieħor magħruf mil-liġi, għal kull reat magħmul bi ħsara ta' dik l-istituzzjoni jew korp morali, u l-werriet immedjati għar-reati magħmulin kontra l-awtur tagħhom.'*

Fit-test Ingliż il-frażi 'il-ħsieb tagħha' hija tradotta 'under his care'.

Isegwi għalhekk li d-diretturi setgħu jaħgmlu l-kwerela. Bilfors irid ikun hekk għax inkella nies vulnerabbli ma jkollhomx min jipproteġihom. Dawn mhux f'pożizzjoni li jiddefendu ruħhom u jridu minn ħadd ieħor. Ma jistax il-bniedem li għandu bżonnijiet speċjali jew anzjan ikun prattikament miċħud milli jagħmel kwerela għax m'għandux il-kapaċitajiet mentali jew fiżiċi biex jagħmel

dan. Infatti l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet ikkundannat lill-Olanda propju għax persuna bi bżonnijiet speċjali li kienet abbużata ma setax jieħu passi għaliha ħadd ieħor inklużi l-ġenituri.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li d-diretturi konċernati setgħu jagħmlu l-kwerela.

**Rinunzja tal-Kwerela**

L-ewwelentt dawn il-proċeduri tmexxew bħal istruittorja ġaladarba kien hemm imputazzjoni li tiżboq il-kompetenza oriġinali. Għalhekk il-proċeduri ma tmexxewx mill-parti allegatament leża.

Il-Qorti mbagħad eżaminat ukoll il-proviso tal-artikolu 373 li jgħid hekk:

*'Iżda meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm l-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi , l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio.'*

Minn imkien ma jirriżulta li saret xi rinunzja fit-terminu ta' erbat ijiem indikat f'dan il-proviso u għalhekk, ukoll kieku l-proċeduri ma tmexxewx bil-proċedura tal-istruttorja, xorta l-Prosekuzzjoni setgħet tmexxi ex-uffcio.

L-abbli difensur tal-imputat issottommetta li l-allegata vittma kienet ħafret lill-imputat meta qalet:

***'Nixtieq ngħid illi wara dan l-inċident u għadda xi żmien u anke tkellimt ma' xi persuni u qgħadt nirrifletti nixtieq ngħid li jiena lill-imputat naħfirlu u naħseb li dan l-inċident kollu huwa a storm in a teacup. Jiena filfatt nitlob lil Ġesu' biex jaħfer lilu u li***

***anke jaħfer lili fejn jien niżbalja. Nixtieq ngħid li jien mingħalija spiċċa kollox f'dan l-inċident ...'*** [3]

L-appellant jikkowota b'approvazzjoni dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija versus Pietru Cutajar' fit-12 ta' Ġunju 1996 u jikkummenta hekk:

'Illi ***a contrario sensu*** la darba r-reat ravviżat fl-artikolu 221 jeħtieġ il-kwerela tal-parti leża, il-maħfra tal-parti leża tammonta għal rinunzja tal-kwerela.'

Ikkonsidrat

Li skond l-artikolu 545(1) tal-Kap 9:

*'Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel.'*

Skond il-ġurisprudenza, (ara: Il-Pulizija versus Rose Mary Pengelly – 29 t'April, 1998 – Volume LXXXII Part IV paġina 162- Qorti tal-Appell Kriminali):

*'Ir-reċess tal-kwerelant ma jista' jkollu ebda effett fuq proċeduri kriminali (ħlief għall-finijiet ta' mitigazzjoni ta' piena) ġaladarba l-azzjoni dwar reat ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet, tajjeb jew ħażin, qed titmexxa mill-pulizija ex officio.'*[4]

Fil-każ odjern, hemm problema ċara li l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija u qatt f'isem l-allegata vittma jew kwerelanti.

[3] Paġini 38 u 39 tal-proċess.
[4] Il-Pulizija kontra Manuel sive Lolly Cassar 9 t'Ottubru 1998 Qorti tal-Appell Kriminali Vol LXXXII.IV.paġina 379:
'Il-proviso tal-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali japplika biss fil-każijiet ta' reati ta' kompetenza oriġinali ta' dik il-Qorti, jiġifieri dawk imsemmijin fl-artikolu 370(1) tal-istess Kodiċi jew reati msemmija f'xi liġi oħra li, b'dispożizzjoni espressa, huma ta' komeptenza esskklussiva tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.'

Fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti qed tiddeċiedi li wkoll jekk jitqies li l-allegata vittma rrinunzjat għall-kwerela impliċitament meta ħafret lill-imputat, fid-dawl tal-ġurisprudenza kkwotata fil-paragrafu preċedenti, ġaladarba l-proċeduri tmexxew mill-Pulizija, il-proċeduri ma jiqfux iżda jista’ biss ikun hemm mitigazzjoni fil-piena.

**Apprezzament ħażin tal-fatti**

Il-Qorti ser tqis ir-raba’ aggravju qabel l-oħrajn minħabba li dak li jingħad dwaru ser jinċiedi fuq l-aggravji numri 2, 3 u 5.

L-ewwelnett il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din setgħet tasal għal dik il-konklużjoni legalment u raġonevolment. Għalhekk il-Qorti għamlet eżami akkurat tal-provi.

Il-Qorti qrat ix-xhieda kollha u bħall-Ewwel Qorti (ara fol 96, 97 u 98 b’mod partikolari) waslet għall-konklużjoni li l-appellant ta daqqa ta’ ponn lil Jane Dimech.

Din il-Qorti fliet sew x’qalet Jane Dimech a fol 38 u dak li qal it-Tabib Dr Edward Bellia a fol 33;

Jane Dimech qalet hekk::

*‘Hu ġie ħdejja ma ġenb is-sodda u tani daqqa ta’ ponn. Jiena dak il-ħin ħassejt dmugħ nieżel minn għajnejja pero’ ħsibtu demm iżda ma kienx demm......hu resaq ma’ ras is-sodda u tani daqqa ta’ ponn......Jiena kont qegħda ninkwieta li d-daqqa kienet ser teffetwali l-vista imma nista’ ngħid li t-tabib invistani u serraħli moħħi. Kelli l-ħmura u l-ħmura marret.......Wara li tani d-daqqa l-imputat telaq mill-kamra u jien a erġajt rajtu.......Jiena d-daqqa*

*qlajtha taħt għajnejja u nixtieq ngħid ukoll li jiena d-daqqa ta' ponn rajtha ġejja u ppruvajt nilqa' b'idi. Nixtieq nespiċifika li jiena idejh rajtha qegħda ponn.'*

Min-naħa l-oħra Dr Edward Bellia xehed kif ġej:

*'Ngħid li meta eżaminajt lill-pazjenta u cioe' Jane Dimech, hija kellha bħal tbenġila żgħir taħt għajnejha x-xellugia u ngħid lli it-tbenġila li jiena rajt kienet kawżata minn pressur imam x'seta' kkawża dak il-pressure jiena ma nafx. Fuq mistoqsija tal-Qorti ngħid illi dik it-tbenġila hija kompatibbli ma' daqqa ta' ponn.'*

Għall-Qorti dawn iż-żewġ siltiet minn xhieda li mhux qed jgħidu dak li qalilhom ħadd ieħor iżda qed jixhdu fuq dak li raw jew eżaminaw juru biċ-ċar li l-appellant ta daqqa ta' ponn lil Jane Dimech.

Il-Qorti eżaminat l-istqarrija tal-appellant, ix-xhieda tiegħu u x-xhieda tal-persuni li tella' in difeża. Bir-rispett kollu dawn ħadd ma neħħa mill-fehma ta' din il-Qorti li l-appellant ta d-daqqa in kwistjoni. Assolutament tiskarta dak li ntqal dwar li l-ħmura saret minn face cloth għax mhux biss ix-xheida ta' Dr Edward Bellia hija ċarissima u msaħħa bl-għarfien tal-mediċina iżda wkoll għaliex x-xhieda tal-appellant u tal-persuni li rreferew għall-face cloth mhix attendibbli. M'ehmm ebda dubju li kien l-appellant li ta d-daqqa u ta' ponn u mhux ħadd ieħor. Jane Dimech, minkejja l-eta', xehdet b'luċidezza u koerenza.

Għaldaqstant, din il-Qorti taqbel għal kollox mal-konklużjoni ewlenija tal-Ewwel Onorabbli Qorti, jiġifieri li l-appellant ta daqqa ta' ponn f'wiċċ Jane Dimech u li huwa ħati tat-tielet imputazzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi r-raba' aggravju.

**It-Tieni Aggravju – Lartikolu 141**

L-appellant issottometta li ġaladarba l-Avukat Ġenerali ma ppreżentax l-ordni sabiex il-Pulizija tipproċedi kontra l-appellant – li huwa uffiċjal pubbliku- allura l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jmissiex sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni.

L-ewwelnett fl-atti hemm il-prova li l-appellant huwa uffiċjal pubbliku. It-tieni m'hemm ebda obbligu taħt il-Liġi li hemm bżonn xi ordni mill-Avukat Ġenerali sabiex il-Pulizija tipproċedi kontra uffiċjal pubbliku. L-aktar li jista' jagħmel l-Avukat Ġenerali hu li jagħti parir jekk hux każ ta' dixxiplina quddiem il-Public Service Commission jew inkella hux każ li jmur quddiem il-Qorti.

Isegwi wkoll li ġaladarba l-Qorti sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni u l-appellant huwa uffiċjal pubbliku, kienet korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti meta sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni, liema aggravanti, skond il-ġurisprudenza, huwa applikabbli għar-reati kollha barra f'dawk fejn il-liġi tipprovdi ad hoc għall-għemil tal-impjegat fis-servizz pubbliku. Isegwi għalhekk li jekk l-appellant jisntab ħati taħt it-tielet imptuazzjoni, il-gravanti tal-artikolu 141 japplika wkoll.

Bir-rispett kollu wkoll il-Qorti ma tarax kif din l-imputazzjoni hija kompriża u involuta fit-tielet imputazzjoni (bi żball l-appellant jirrefi għat-tieni a fol 108) ġaladarba l-artikolu 141 huwa gravanti fuq ir-reati kollha msemmija f'dak it-titolu.

Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi t-tieni aggravju.

**It-Tielet Aggravju – il-kontravenzjoni 339(1)(n) – imputazzjoni (d).**

Il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju għaliex ir-reat li twettaq m'għandux x'jaqsam maż-żeblih, redikolu, idejjaq jew jagħti fastidju lill-persuni xjuħ. Fi ftit kliem il-fatti ma jinkwadrawx taħt din il-kontravenzjoni u l-Qorti sejra tilliebra lill-appellant minn din l-imputazzjoni.

**Il-Ħames aggravju –Piena eċċessiva.**

L-Avukat Ġenerali inkluda l-artikolu 221(1), l-artikolu 222A u l-artikolu 141.

Skond l-artikolu 221(1) il-piena hija ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa. Skond l-artikolu 222A, il-piena tista' tiżdied bi grad jew tnejn, waqt illi l-artikolu 141 jistipula żieda ta' grad. Mela jekk wieħed jibda bil-piena ta' xahar u jżid grad, il-minimu bejn jiġi xahrejn u sitt xhur. Jekk terġa' żżid grad ieħor (minħabba l-artikolu 141), il-piena titla' bejn ħames xhur u disa' xhur. Ara l- artikolu 31(1)(b)(xiv)(xiii)(xii).
Iżda hawn il-Qorti ser tqis dawn il-fatturi:

(a) Il-kundanna għal disa' xhur priġunerija setgħet kopriet xi ħaġa għar-raba' imputazzjoni li l-Qorti qed tillibera lill-imputat minnha.

**(b) Illi l-allegata vittma nħasset ġenwina meta qalet li riedet taħfer lill-imputat. Din ix-xewqa għandha tkun irrispettata u l-Qorti ser tagħtiha piż qawwi. Jekk il-Qorti straħet primarjament fuq dak li qalet il-vittma biex tasal għall-konklużjoni dwar x'seħħ tassew, qed tikkonkludi wkoll li għandha tonora x-xewqa tagħha.**

(ċ) Illi l-fedina tal-imputat mhux waħda inkwetanti.

(d) Illi overall l-appellant kellu record tajjeb fuq ix-xogħol.

Iżda l-Qorti, bħall-Ewwel Onorabbli Qorti, ma tistax ma tqisx li r-reat sar fuq mara anzjana. Ukoll jekk l-appellant ħassu offiż b'dak li qaltu l-allegata vittma, huwa kien fid-dmir li jliġġem ruħu.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qegħda l-ewwelnett tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onroabbli Qorti mogħtija fl-ismijiet premessi fis-26 t'April 2010 fejn din illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni u sabet ħtija u kkundannatu għat-tieni (imputazzjoni immarkata (b) u għat-tielet imputazzjoni (immarkata (ċ) u l-Ordni tat-Trażżin għal tliet snin mil-lum u qed tirriforma l-istess sentenza billi tħassar il-kundanna

tal-imputat għar-raba' imputazzjoni (dik immarkata (d)) u minflok qed tilliberah minn din l-imputazzjoni għal kollox u qed tħassar ukoll il-kundanna għal disa' xhur priġunerija effettivi u minflok, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għal ħames xhur priġunerija li għandhom jibqqgħu sospiżi għal sentejn mil-lum. Il-Qorti qed twissi lill-appellant dwar il-konsegwenzi jekk huwa jwettaq xi reat fi sentejn mil-lum.

**L-Ordni tat-Trażżin**

B'applikazzjoni tal-artikolu 383A u 412C u biex tipproteġi lil Jane Dimech qed tpoġġi lill-appellant taħt ordni ta' trażżin għal perjodu ta' tliet snin b'mod li l-appellant huwa projbit milli javviċina lil, jikkuntattja jew b'xi mod ieħor jikkomunika ma', u/jew b'kwalunkwe mod jimmolesta jew idejjaq lil Jane Dimech.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------